DISKUSSJONI

# IL-FESTI RELIĠJUŻI F'SALIB IT-TOROQ

RAYMOND SALIBA

Huma bosta l-antropoloġi u l-istudjużi tal-Kultura Popolari li esprimew ruħhom dwar il-validità tal-festi reliġjużi u folkloristiċi. Fihom jidhru l-espressjonijiet u burdati individwali, daqskemm kollettivi ta' mases jew anke popli sħaħ, li jmorru 'l bogħod mit-twemmin reliġjuż li huma jew l-antenati tagħhom ħaddnu. Din l-attività hi bħal termometru li jkejjel u jiddokumenta b'mod spontanju bosta emozzjonijiet, ritwali u snajja', li magħġuna flimkien joffru spettaklu u kulur, li f'bosta każi għandu warajh tradizzjoni millenarja. Dan l-interess u riċerka li huma mifruxin mad-dinja kollha, fil-gżejjer Maltin jieħu dimensjoni partikolari, speċjalment fejn jidħlu l-festi patronali. Hi ta' sfortuna li l-kritika kontemporanja lokali, f'bosta każi qed tħares lejn dawn il-manifestazzjonijiet tradizzjonali u paraliturġiċi, b'nuċċali negattiv, li jċajpar is-sinifikat reliġjuż u kulturali li suppost jittrażmettu. Għaliex qed jiġri dan, ta' min hi l-ħtija? Tal-protagonisti li jorganizzawhom, jew tal-ispettaturi xettiċi, li baqgħu qatt ma fehmuhom?

L-ewwel mistoqsija li rridu nagħmlu hi: X'inhu l-iskop tal-festi? Il-bidu hu ċertament mitluf fil-passat imbiegħed, fejn l-ewwel ritwali reliġjużi jitwaħħdu mat-tempji megalitiċi importanti li nsibu bil-kotra fostna. Il-bniedem min-natura tiegħu jrid żvog, sew meta fil-bżonn ta' għajnuna, billi jitlob għaliha lil min jaħseb li hu akbar minnu (id-Dea - l-allat), kif ukoll meta jħossu grat għal dak li jkun akkwista, billi jifraħ u jferraħ... u naturalment, jgħid grazzi. Il-bniedem li jikkomunika mal-Ħallieq u ma' ħutu l-bnedmin. Dan kien jagħmlu l-aktar fil-postijiet ta' qima, fit-tempji jew spazji determinati minnu. Issa meta wieħed janalizza b'mod xjentifiku l-eqdem monumenti arkitettoniċi u t-tiżjin li fihom, inkluż il-bosta aċċessorji li kienu jintużaw fl-istess ritwali, malajr jieħu idea tal-ispeċjalità tagħhom, li tiġi trażmessa fl-intelliġenza tan-nies li sawruhom. Mela l-oriġini ta' dan ir-ritwal mhux biss hu antik ħafna, iżda huwa marbut ma' prattiċi u spazji fejn jiġi rrealizzat, li huma wkoll ta' valur għoli.

It-tieni mistoqsija: Għadhom festi reliġjużi? Din hi mistoqsija kumplessa. Il-festa qatt ma kienet tifkira strettament reliġjuża, iżda manifestazzjoni komunitarja li tiġbor fiha bosta elementi soċjali. Il-festi patronali li niċċelebraw madwar Malta, ħadu sura definittiva fis-seklu XIX, iżda qabel kienu kkonċentrati l-aktar ġewwa l-knejjes u mhux barra. Dan kien jimplika prinċipalment il-funzjonijiet reliġjużi, normalment mifruxa fuq erbat ijiem, li kienu jinkludu l-mużika sagra bil-kant u strumenti. Il-festa minn ġewwa l-knisja kienet toħroġ fit-toroq permezz tat-Transulazzjoni bir-relikwija u aktar tard, bil-purċissjoni bix-xbieha marjana jew tal-qaddisin, li bosta drabi kien ikollhom akkumpanjament ta' xi mużiċisti. Bħala tiżjin, filwaqt li l-knisja kienet tkun armata ħafna, fuq barra ftit kien isir armar, speċjalment minħabba li bosta festi kienu jsiru fl-istaġuni xitwin fejn it-temp ma kienx dejjem jippermetti. L-uniku element li jidħol mal-festi ta' barra, li baqa' jkun preżenti, almenu f'dawn l-aħħar ħames mitt sena, hu l-logħob tan-nar, partikolarment dak tal-art. Meta fis-seklu XIX, il-festi kibru esternament, mhux biss saru aktar popolari, għalhekk jinvolvu aktar parteċipazzjoni tal-poplu, iżda saru wkoll aktar sekularizzati u materjalisti. Ir-raġunijiet għal dan l-iżvilupp huma bosta: l-alleanza mal-partiti politiċi jew politikanti; it-twaqqif formali tal-każini tal-baned u l-partiti tal-festi sekondarji u l-prosperità ekonomika. Minkejja dan, sal-ewwel nofs tas-seklu XX, kont tista' tgħid li l-festi, kien għad kellhom 'karattru reliġjuż', iżda mit-tieni nofs tas-seklu XX, naqas b'mod drastiku l-element devozzjonali u żdiedu elementi materjalisti, li la għandhom karattru reliġjuż u lanqas tradizzjonali.

It-tielet mistoqsija: Min inbidel, il-festa jew is-soċjetà? L-ingredjenti li jikkombinaw il-festa, 'il-ġesti' u



'Il-protagonisti tal-festa huma n-nies, li fihom iġorru dak kollu li jfisser għalihom'!

'l-għodda', baqgħu prattikament l-istess. Hu l-iskop li nbidel jew wasal biex. Dan jimxi *pari-passu* mal-iżvilupp kurrenti tal-massa, żvilupp intellettwali, daqskemm soċjali u demografiku. Meta fis-snin 30 tas-seklu XX il-festi saru pjattaforma għal politiċi u komplew jaqsmu diversi rħula fi tribujiet permezz tal-partiti sekondarji, l-awtoritajiet ekkleżjastiċi kienu għamlu attentat feroċi biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni u sa ċertu punt, irnexxielhom. Però ma jidhirx li kienu fehmu sew il-psikoloġija tal-poplu, għaliex l-Istorja tgħallem li meta wieħed jiġi oppressat jagħmel il-kuntrarju ta' dak li jikkostitwixxi l-karattru jew twemmin li jħaddan, fejn meta jsib ix-xoqqa f'moxtha, kollox jerġa' jisponta bħal qabel! Preżentament, l-istess awtoritajiet reġgħu qed jagħmlu kruċjata bit-tama li 'jsaffu l-festi', però jidher li r-riżultat hu differenti. Għax bħalma ġara fir-referendum b'rabta mad-dħul tad-divorzju, il-Knisja lokali, għalkemm kulħadd jifhem li trid tibqa' żżomm mal-maġisteru tagħha, però donnha mhix taqra s-'sinjali taż-żminijiet'. Il-festa, bħal siġra, tikber bil-mod tagħha, skont bosta ċirkustanzi li jiċċirkondawha. Hi 'ħajja' u 'emottiva'. Għalhekk, bħal siġra, trid tikkultivaha, trid tiżborha. L-ebda isqof, monsinjur, saċerdot jew membru lajk ta' xi Kunsill Pastorali Parrokkjali, mhu sa jirnexxilu jraġġa' l-arloġġ lura għal meta l-festi kienu aktar 'devozzjonali', jekk qatt kienu. Veru li f'ċerti aspetti tal-festa fuq barra, hemm kontradizzjonijiet ovvji li qajla tifhimhom, bħal meta tara t-tiżjin f'idjoma 'psewdo-Barokka', li baqa' ffossilizzat ma' moħħ 'id-dilettanti tal-armar'; jew kif meta qed jonqos il-volontarjat, żdied qatigħ il-logħob tan-nar, l-armar ta' barra u s-servizzi bandistiċi! Imma ladarba s-soċjetà saret aktar lajka u materjalista, dan bla dubju jaffettwa wkoll dawn it-tradizzjonijiet reliġjużi. Dan hu sempliċiment inevitabbli.

Ir-raba' mistoqsija: X'inhi s-soluzzjoni: niżbru jew inqaċċtu? Biex jieqfu l-festi ta' ġewwa hi prerogattiva tal-awtoritajiet ekkleżjastiċi u meta riedu li xi festa partikolari ma ssirx, dan għamluh b'faċilità. Biex jieqfu l-festi fuq barra hi storja differenti, għaliex għalkemm il-Knisja tgħid li huma tagħha, fir-realtà dawn jagħmilhom il-poplu, taħt il-kappa tal-Knisja. Jekk l-awtoritajiet ekkleżjastiċi ser jibqgħu b'rashom fir-ramel u jistennew li l-organizzaturi tal-festi jobduhom f'kollox, dawn mhux biss ħa jkomplu jiddistakkaw ruħhom minnhom u mir-reliġjon li qed jirrappreżentaw, iżda ser jinfexxu f'modi oħra ta' divertiment, jekk mhux waqt il-festi patronali, f'manifestazzjonijiet ċivili. Dan l-atteġġjament min-naħa tal-Knisja jista' jwassal biss biex hi titlef 'il-qaleb u l-ġbejna', meta b'aktar paċenzja u sens komun, tista' tinqeda bil-festi biex tilħaq bosta setturi tas-soċjetà. Jien dejjem sostnejt, li l-festi patronali, bħal bosta attivitajiet kulturali, jistgħu jkunu modi mill-aktar effettivi ta' Pastorali. Biex il-festi fl-irħula u l-bliet tagħna jissaffew minn dak li joskura s-sinifikat reliġjuż u devozzjonali, mhux piki u tisbit tas-saqajn irid ikun hemm, iżda diskussjoni matura u fraterna fejn issir edukazzjoni u rivalutazzjoni. Però dan qatt ma jista' jiġri sakemm l-awtoritajiet ekkleżjastiċi ma jammettux li l-festa fuq barra tal-knisja mhix monopolju tagħhom. Għalhekk l-attitudni trid tkun waħda li niżbru dak li mhux sew u mhux inqaċċtu 'l-qamħ u s-sikrana', għaliex jekk nagħmlu dan nistgħu nitilfu t-tajjeb ukoll... li hu ferm aktar preżenti mill-ħażin!

Il-veru ħsara li bħas-susa qed therri l-festi patronali u t-tradizzjonijiet reliġjużi, mhux kawża tas-sekularizzazzjoni u lanqas tal-piki tal-partiti tal-festi. Hemm fatturi oħra. Dawn jinkludu: i) id-deċiżjonijiet arbitrarji li jieħdu ċerti rjus kbar fil-Kurja; ii) il-kritika negattiva u nibbiexa minn ċerti ġurnalisti (sic) fuq il-mezzi tax-xandir; iii) in-nuqqas ta' interess mill-awtoritajiet ċivili, speċjalment fejn jidħlu fondi pubbliċi u iv) id-diżorganizzazzjoni ta' ċerti kumitati tal-festa li ma jikkontrollawx biżżejjed dak li hu eċċessiv, speċjalment minn terzi persuni li mhux involuti direttament fl-organizzazzjoni tal-festi nfushom, imma li jkunu jridu jiddettaw l-andament ta' wħud mill-attivitajiet, partikolarment il-briju waqt il-marċi. Sakemm il-festa li tibda mill-knisja u toħroġ fit-toroq tibqa' tikkostitwixxi l-valuri Nsara ta' ferħ u solidarjetà, flimkien ma' dak li hu spiritwali, jew almenu, devozzjonali, din tibqa' attraenti u aċċettabbli. Però meta jidħlu fiha influssi moderni li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-karattru tagħha, dan ikun ta' ħsara kbira. Pereżempju dieħla drawwa li bosta stabbilimenti tal-ikel jew tax-xorb jorganizzaw fil-ġimgħa tal-festa attivitajiet purament kummerċjali li s-soltu huma permessi fi bnadi ta' divertiment bħal Paceville, fejn isiru numru ta' *parties* li jkunu kkaratterizzati minn xorb u mużika eċċessiva li tibqa' sejra anke matul il-lejl. Dawn l-attivitajiet naturalment, ma jagħmlux parti mill-programm uffiċjali tal-festa li suppost ikollu l-koperazzjoni tal-awtoritajiet ċivili, għalhekk wieħed jistaqsi kif il-pulizija toħroġ il-permessi biex isiru? Jew kif jiġi amalgamat mal-briju tal-marċi ċertu tiżjin bla dekor reliġjuż, speċjalment f'għamla ta' karrijiet grotteski li normalment insibu fl-isfilata tal-Karnival? Min jipparteċipa f'attivitajiet bħal dawn, qatt ma kien jinteressah dak li jagħmel il-festa tradizzjonali, xejn affattu. Allura għaliex inħalluh jagħmel parodija mill-festa u l-valuri li tħaddan? Dan hu li rridu niżbru biex nibqgħu ngawdu l-festi tradizzjonali tagħna u ngħadduhom lill-ġenerazzjoni futura.